31986D0130

17.4.1986 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 101/37

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Marzu 1986

li tippreskrivi l-metodi ta' monitoraġġ ta' l-abbiltà u metodi ta' l-ivvalutar tal-valur ġenetiku ta' l-ifrat ta' razza pura għat-tnissil

(86/130/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar annimali ta' razza pura ta' l-ispeċi ta' l-ifrat għat-tnissil [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikulari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 77/504/KEE huwa għall-Kummissjoni li tiddetermina, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 8 tad-Direttiva msemmija iktar 'il fuq, il-metodi ta' mmonitorjar ta' l-abbiltà u metodi għal stima tal-valur ġenetiku ta' l-ifrat;

Billi l-metodi ta' mmonitorjar ta' l-kapaċità u metodu għal stima tal-valur ġenetiku ta' l-ifrat li diġà huma applikati fl-Istati Membri huma b'mod wiesa' (ġenerali) simili;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li jsir allinjament iktar strett tal-modalitajiet ta' dawn il-metodi biex ir-riżultati jkunu komparabbli;

Billi l-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar *Zootechnics*,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-metodi ta' mmonitorjar ta' l-abbiltà u metodu għal stima tal-valur ġenetiku ta' l-ifrat għal annimali ta' razza pura ta' l-ispeċi ta' l-ifrat għat-tnissil għandhom ikunu dawk preskritti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Marzu 1986.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

[1] ĠU L 206, tat-12.8.1977, p. 8.

ANNESS

Il-mertu ġenetiku ta' annimal ta' l-ifrat jista' jkun ikkalkulat billi jkun użat wieħed jew taħlita kombinazzjoni mill-metodi li ġejjin, id-*data* kollha miġmugħa (akkumulata) mir-riżultati tat-testijiet għandha tkun aċċessibbli:

1. **Ittestjar ta' abbiltà (riproduttiva)**

(i) *Ittestjar ta' abbiltà fi stazzjon*

(a) L-isem tal-korp jew ta' l-awtorità responsabbli għall-istazzjon u l-isem ta' l-awtorità kompetenti għall-kalkulazzjoni u pubblikazzjoni tar-riżultati għandhom jingħataw.

(b) Id-disinn tat-test u n-numru ta' annimali involuti fih għandhom ikunu ddikjarati.

(ċ) Il-punti li ġejjin għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar:

— kondizzjonijiet għall-aċċettazzjoni fl-istazzjon,

— l-abbiltà tal-barrin fir-razzett qabel r-reġistrazzjoni għal għall-istazzjoni jekk applikabbli,

— pussess u età massima ta' għoġiela rġiel li jidħlu fl-istazzjon fil-ħin tat-test u l-firxa ta' etajiet ta' barrin kontemporanei fl-istazzjoni,

— tul tal-perjodu ta' adattazzjoni u perjodu tat-test fl-istazzjon,

— tip ta' dieta u sistema ta' għalf.

(d) Għal karatteristiċi li għandhom ikunu rrekordjati; il-karatteristiċi minimi li jkunu rrekordjati għandhom ikunu piż ħaj. Barra minn hekk għal razez taċ-ċanga għandu jittieħed inkonsiderazzjoni ukoll għalf li jittiekol u stima tal-muskoli.

(e) Il-metodu użat fl-istima tal-mertu ġenetiku għandu jkun imparzjali. Il-mertu ġenetiku ta' barrin ittestjati għandu jkun iddikjarat bħala valur ta' tnissil jew paragun kontemporanju għal kull karatteristika.

(ii) *Ittestjar ta' abbiltà fir-razzett*

Test ta' abbiltà jista' jkun eżegwit barra stazzjon li jipprovdi fi tmiem it-test li valur ta' tnissil jista' jkun ikkalkulat billi jkunu segwiti prinċipji żootekniċi stabbiliti.

2. **Irrekordjar ta' ħalib u stima tal-valur ta' tnissil ta' baqar għall-karatteistiċi tal-ħalib**

Rekords ta' produzzjoni ta' ħalib użati għall-istima tal-valur ta' tnissil ta' baqar għandhom jinkisbu taħt (skond) sistema uffiċjali ta' rrekordjar ta' ħalib li tikkonforma ma' standards preskritti mill-Kumitat Internazzjonali għall-Irrekordjar tal-Produttività ta' Annimali tal-Ħalib (li jipproduċu l-Ħalib).

L-isem tal-korp jew ta' l-awtorità responsabbli għall-kalkulazzjoni u pubblikazzjoni tar-riżultati għandu jingħata.

Rekord ta' ħalib użat fid-determinazzjoni tal-valur ta' tnissil ta' baqar għandu:

— jkollu tul standard ta' treddigħ għall-finijiet ta' kalkulazzjoni ta' 305 ijiem,

— jkun aġġustat għal (skond) influwezi ambjentali importanti b'mezzi xierqa.

Il-metodu użat għall-istima tal-mertu ġenetiku għandu jkun imparzjali u r-riżultat espress bħala differenza mbassra jew valur ta' tnissil ma' valuri assoċjati ta' akkuratezza għall-karatteristiċi kollha kkonċernati.

Deskrizzjoni ddettaljata tal-metodu użat għandha tingħata jew issir referenza għaliha. Karatteristiċi stmati għandhom ikunu ddefiniti, ir-referenza bażika u devjazzjoni standard tal-karatteristiċi għandha tkun iddikjarata u d-data tal-kalkulazzjoni taċ-ċifri għandha tingħata.

3. **Ittestjar ta' dixxendenza**

(a) L-isem tal-korp jew ta' l-awtorità reponsabbli għall-istazzjon u l-isem ta' l-awtorità kompetenti għall-kalkulazzjoni u pubblikazzjoni tar-rultati għandhom jingħataw.

(b) Il-mertu ġenetiku tal-faħal li jgħammar għandu jkun ikkalkulat billi jkunu stmati l-kwalitajiet ta' numru adattat ta' wlied inrelazzjoni ma':

(i) Karatteristiċi tad-*dairy* (maħleb, post fejn jinħadmu prodotti tal-ħalib):

— deskrizzjoni ddettaljata tal-metodu tat-test tad-dixxendenza għandha tingħata jew issir referenza għaliha,

— l-ulied nisa m'għandhomx jinkisbu b'mod selettiv jew ittrattati b'mod selettiv,

— l-ewwel treddigħ għandu jintuża u treddigħ ta' wara jista' jintuża; rekords ta' treddigħ użati għandu jkollhom tul massimu ta' 305 ijiem billi jikkonformaw ma' standards preskritti mill-Kumitat Internazzjonali għal Irrekordjar tal-Produttività ta' Annimali tal-Ħalib,

— influwenzi barra l-mertu ġenetiku tal-faħal li jinżamm għat-tgħammir għandhom ikunu eliminati bi proċeduri xierqa fid-determinazzjoni tal-valur tat-tnissil tiegħu jew differenzi mbassra,

— il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-ħalib prodott u *data* oħra relevanti għandhom ikunu inklużi meta jkunu kkalkulati l-valuri ta' tnissil,

— jekk *data* hija disponibbli dwar fertilità u vijabilità ta' dixxendenza għandha tkun ippubblikata,

— il-metodu użat għal stima ta' valuri ta' tnissil jew differenzi mbassra għandu jkun imparzjali,

— ir-riżultati għandhom ikunu ppubblikati f'għamla ta' differenzi mbassra jew valuri ta' tnissil ma' valuri assoċjati ta' akkuratezza għall-karatteristiċi prinċipali ta' produzzjoni rrekordjati. Karatteristiċi stmati (ivvalutati) għandhom ikunu ddefiniti, ir-referenza ta' bażi u d-devjazzjoni standard tal-karatteristiċi għandha tkun iddikjarata u d-data tal-kalkulazzjoni taċ-ċifri għandha tingħata.

(ii) Karatteristiċi taċ-ċanga:

— deskrizzjoni ddettaljata tal-metodu tat-test tad-dixxendenza għandu jingħata jew issir referenza għalih,

— id-dixxendenza m'għandhiex tinkiseb b'mod selettiv jew ittrattata b'mod selettiv:,

— erba' tipi ta' testijiet ta' dixxendenza huma rrikonoxxuti:

A. ittestjar ċentrali f'unità ta' ttestjar ta' dixxendenza speċjalizzati;

B. ittestjar ta' dixxendenza ppjanat f'koperazzjoni ma' unità kummerċjali ta' produzzjoni taċ-ċanga;

C. analiżi ta' *data* minn skemi ta' rrekordjar fir-razzett għal antenati u/jew merħliet kummerċjali. Id-dixxendenza (dixxendenti) għandha tkun imqassma fost il-merħliet b'mod tali li paragun validu bejn il-barrin ikun possibbli;

D. studju ta' *data* tat-tip miġbura fuq dixxendenza identifikata fil-postijiet ta' bejgħ jew qtil.

F'tipi A u B l-annimali għandhom jintgħażlu kif ġie ġie f'età żgħira, u miġjuba flimkien fi gruppi kontemporanji bbilanċjati fir rigward ta' barrin involuti. F'tipi Ċ u D ir-rekords li jikkwalifikaw (kwalifikanti) kollha għandhom ikunu użati fl-istima tal-valur ta' tnissil tal-barrin

— barrin għal ittestjar ta' dixxendenza għandhom ikunu użati kif ġie ġie (bl-addoċċ) f'merħliet li minnhom huwa ppjanat li tinkiseb dixxendenza għall-ittestjar,

— influwenzi barra mertu ġenetiku tal-faħal miżmum għat-tgħammir għandhom ikunu eliminati bi proċeduri xierqa fid-determinazzjoni tal-valur għat-tnissil tiegħu,

— il-karatteristiċi tal-karkassa (fejn dawn huma parti mill-programm ta' għażla) u l-kwalità tagħha u data oħra relevanti għandhom ikunu inklużi meta ssir il-kalkulazzjoni tal-valuri ta' tnissil,

— jekk *data* hija disponibbli dwar fertilità u vijabilità tad-dixxendenza għandha tkun ippubblikata,

— il-metodu użat fl-istima ta' valuri għat-tnissil għandu jkun imparzjali,

— ir-riżultati għandhom kemm jista' jkun ikunu ppubblikati f'għamla ta' differenzi mbassra jew valuri ta' tnissil ma' valuri ta' akkuratezza assoċjati għall-karatteristiċi prinċipali rrekordjati. Il-karatteristiċi valutati għandhom ikunu ddefiniti, referenza ta' bażi u devjazzjonijiet standard tal-karatteristiċi għandhom ikunu ddikjarati u d-data tal-kalkulazzjoni taċ-ċifri għandha tingħata